MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2006

Numru 592/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Louise Calleja**
**V**

**OMISSIS**

**Il-Qorti;**
Rat li l-imputat **OMISSIS** ta' wiehed w erbghin sena, gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Nhar l-hdax ta' Gunju 2006 bejn nofsinhar w s-siegha ta' wara nofsinhar f'H'Attard u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, ikkommetta attentat vjolenti ghal pudur fuq il-persuna ta' **OMISSIS**;
2. Talli fl-istess data, cirkostanzi, hinijiet u postijiet, gab ruhu b'mod li jaghti fastidju lil imsemmija **OMISSIS** u dan b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghal imsemmija **OMISSIS**;

3. Talli offenda l-pudur jew l-morali b’ghemil li sar f’lok pubbliku jew f’lok espost ghal pubbliku.

Rat d-dokumenti kollha esibiti inkluz l-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputat kif wkoll dik rilaxxjata mill-allegata vittma **OMISSIS**.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar t-tlettax ta’ Gunju 2006, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. L-ammisjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta’ dawn il-proceduri u cioe mal-presentata u li b’hekk m’inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-fedina penali netta tal-imputat minn fejn jirrizulta li l-imputat ghandu kontravenzjoni wahda biss registrata fuqha li tirrisali ghas-sena 1985 fejn inghata canfira u ghaldaqstant ghandu jigu trattat bhalikieku huwa *a first time offender*;

3. Il-ko-operazzjoni shiha tal-imputat mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha ta' dan il-kaz u cioe mill-mument meta rrilaxxja l-istqarrija tieghu ftit wara li sehh l-incident.

4. L-imgieba tal-imputat ghalkemm kienet deplorabbli, kunsidrata mhux daqstant serja, u

5. Il-fatt li dak li qal l-imputat fl-istqarrija tieghu huwa kollu veritier u jirrifletti dak kollu li qalet l-istess vittma **OMISSIS** fl-istqarrija taghha.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 207, 209 u 251A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed ssib lil imputat OMISSIS hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tiddecidi li tikkundannah ghall-piena karcerarja ta' sena sospiza ghal sentejn ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-imputat u x'jigri f'kaz li jonqos li josservha u l-imputat iddikjara li fehem ben tajjeb.**

**Il-Qorti qed tordna l-projbizzjoni tal-isem u l-konnotati kollha tal-imputat u tal-vittma fuq il-mezzi kollha tax-xandir.**

Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------